# PROGRAMM

## TAL-FESTI LI SER ISIRU FL'IMQABBA

*F'GIH IL-MADONNA TAL-GILJU*



**25 - 28 TA' MEJJU 1972**

# Il-Konfraternita' ta' l-Immakulata Kuncizzjoni, Mqabba. (1772-1972)

## Gheluq il-200 Sena

**Dan li gej huwa vot favorevoli tal-Kappillan Giacomo Michele Tortella fuq l'erezioni tal-Konfraternita' ta' l-Immakulata Kuncizzjoni:**

............................................................ *Jiena hawn taht iffirmat, Kappillan tal-Knisja Parrokjali ta' l'Imqabba naghti l-kunsens tieghi sabiex tigi mwaqfa f'din il-Parrocca il-konfraternita taht it-titolu ta' l-Immakulata Kuncizzjoni ta' M.V. kif anke li jigu approvati mill-Illmu. u R.mu. Isqof, is-sittax-il statut u regolamenti li mhux biss m'hvmiex kontra l-Gvern tal-Parroca imma huma mehtiega hafna ghall-Konfraternita u ghall-fratelli li fiha jinkitbu.*

*Illum, 3 ta' Jannar 1772.*

*Giacomo Michele Tortella*

# ★ PROGRAMM TAL-MADONNA

## FESTI TA' GEWWA

*25 ta' Mejju*

6.30 p.m. Quddiesa kantata, Prietka mir-Rev. P. Stiefnu Barbara O.F.M. Cap., Litanija u Celebrazzjoni Ewkaristika.

*26 ta' Mejju*

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.

6.30 p.m. Quddiesa kantata, Prietka, Antifona, Litanija u Celebrazzjoni Ewkaristika.

*27 ta' Mejju*

7.00 a.m. Quddiesa kantata

5.15 p.m. Ghasar bil-vucijiet u l-orgni

6.30 p.m. Quddiesa kantata, Antifona, u Celebrazzjoni Ewkaristika.

*28 ta' Mejju:*

## JUM IL-FESTA

5.00 a.m. Quddiesa Parrokkjali

6.00 u 7.00 a.m. Quddies lett bl-Omelija

8.00 a.m. Kant ta' Lawdi

8.30 a.m. Quddiesa kantata. Wara l-Evangelju il-W.R. Kan. Gius. Bonnici Lic. D., jinseg panigirku ta' tifhir lill-Madonna.

10.30 a.m. u 11.30 a.m. Quddies lett bl-Omelija.

5.00 p.m. Ghasar Solenni bil-muzika. Wara tohrog il-Processjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-Gilju. Wara l-Processjoni tinghata l-Barka Sagramentali.

Il-funzzjonijiet ta' nhar il-Festa jkunu mmexxija mill-Patrijiet Kappuccini tal-Furjana.

Il-muzika tkun taht id-direzzjoni tas-Surmast Frank Diacono.

Qabel il-Purcisjoni jsir tberik ta' Standard tal-Fratellanza tal-Kuncizjoni mil-Kappillan Dun Karm Bianco S. TH. D., PH. L., DIP., LIT.

*Il-Prokuratur*

*Viva Il-Mado*

# TAL-GILJU FL'IMQABBA 1972 ★

## FESTI TA' BARRA

*Is-Sibt 27 ta' Mejju*

## LEJLET IL-FESTA

*Fis-7.15. p.m:* Mixghela Generali

*Fit-8.00 p.m:* Il-Banda Popolari 'San Gusepp' tal-Hamrun tferrah it-toroq ewlenin tar-rahal b'sett ta' Marci u wara tesegwixxi programm muzikali u strumentali fil-Pjazza tal-Knisja.

Wara ssir prezentazjoni ta' tazza kbira mill-ammiratur tal-Banda 'Lily', Karmenu Vella.

*Fil-11.00 p.m:* Hruq ta' loghob tan-nar artistiku mahdum mid-delettanti ta' l-istess socjeta.

## *Il-Hadd 28 ta' Mejju:*

## JUM IL-FESTA

*Fin-12.30 p.m.* Il-Maghrufa Banda 'Lily' fost entuzjazmu kbir tferrah it-toroq principali tar-rahal b'sett ta' marci brijjuzi.

*Fil-5.00 p.m.* Il-Banda Cittadina 'King's Own' taghmel marc minn triq il-Parrocca sal-pjazza tal-knisja fejn wara tesegwixxi programmi muzikali.

Mal-hrug ta' l-istatwa titkanta l'Ave Marija mill-Kor 'Kantate Domino' taz-Zurrieq, taht id-direzjoni ta' Dun Micheal Damato A.L.C.M., L.R.S.M. u hekk kif l-istatwa tasal quddiem il-kazin il-kor 'Kantate Domino' jkanta l-innu lill-Madonna tal-Gilju.

*Waqt il-processjoni jkun hemm kaxxi nfernali, musketterija u murtali tal-kulur.*

*Il-Kumitat.*

*nna Tal-Gilju.*

***Dan li ġej huwa d-digriet li bih Mons. Isqof ta' Malta, Fra Giovanni Carmine Pellerano waqqaf fl'Imqabba il-Konfraternita ta' l-Immakulata.***

*..... Wara li qrajna r-relazzjoni kollha, napprovaw u nikkonfermaw il-Konfraternita ta' l-Immakulata Kuncizzjoni ta' Marija u nordnaw li d-domanda u d-digriet tagħna jiġu registrati fl-atti tal-Kurja tagħna.*

*Mill-Palazz Tagħna l-Belt Valletta.*
*Fra. Giovanni, Isqof ta' Malta*
*29 ta' Jannar 1772.*

# INNU
# lill-MADONNA tal-GILJU

Fost il-ward tal-gonna mfewha
kollu gmiel il-Gilju jfuh;
F'dik il-bjuda, f'dik is-safa
Toghxa l-qalb flimkien mar-ruh.

*(Rit.) O Marija, Sbejha, safja*
*Daqs il-gilju tal-widien,*
*Warrab minna l-icken tebgha,*
*Lilek naghtu gieh flimkien.*

Int bhall-kwiekeb kollha dija,
Int fil-gmiel tghaddiha x-xemx,
Fost il-hlejjaq ta' l-imwieled.
Isbah minnek le ma hemmx!

*(Rit.) O Marija, Sbejha, safja*

Lilek ghazlek sa minn dejjem,
Fost kulhadd biex tal-feddej,
Tkun l-Omm helwa, gmiel ta' bjuda,
Dar li tixraq lill-Mulej

*(Rit.) O Marija, Sbejha, safja*

Int wrejt kemm thobb is-safa
Meta l-Anglu tak is-sliem
Il-Mulej ghollíek fil-kobor
X'hin tal-fidwa ghedt il-kliem:

*(Rit.) O Marija, Sbejha, safja*

U bqajt sbejha, bqajt nadifa,
Wahdek, wahdek fost kulhadd,
Mal-gmiel tieghek zdied il-ghageb
Li fid-dinja ma deher qatt!

*(Rit.) O Marija, Sbejha, Safja*

**DUN FRANS CAMMILLERI**

TONY'S PRESS MOUNTBATTEN STREET, HAMRUN. TEL. 27315